**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Novembru 2020**

**Talba Nru: 174/20 CZ**

**Av. Malcolm Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' Svea Direckt Bifirma Rill Svea Ekonomi AB**

**vs.**

**Sandra Eriksson**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur nomine mressqa fid-29 ta' Lulju 2020 fejn talbet minghand il-konvenuta l-hlas tas-somma ta' SEK 13145 ekwivalneti ghal elf, mitejn u sbatax-il Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,217.23) rapprezentanti servizzi rezi minn Svea Direkt u moghtija lil Sandra Eriksson bejn il-perjodu ta' Awwissu 2017 u Lulju 2018.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur nomine fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondu ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ta' elf, mitejn u sbatax-il Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,217.23), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet tal-kawza odjerna, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur